MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tas-26 ta' Mejju, 2008

Avviz Numru. 287/2007

**Dr Michelle Tabone (karta ta' identita' numru 138371 M) fil-kwalita' taghha ta' Ekonomu ta' Monsinjur Arcisqof Amministratur tal-Beni tal-Entijiet Religjuzi Djocesani kollha ta' Malta, fosthom il-Media Centre Print**

**vs**

**Dr Beppe Fenech Adami b'digriet moghti fid-9 ta' Ottubru 2007 gie nominat kuratur deputat sabiex jirraprezenta lil Dennis M Dziena (Passaport Amerikan Numru 112066682)**

**Il-Qorti,**

Rat l-avvizipprezentat mill-attrici nomine fil-11 ta' Settembru 2007 fejn talbet lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenut nomine ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm3,082.40 dovuta lilha bhala bilanc ta' prezz ta' ktieb

stampat (kemm b'qoxra iebsa kif ukoll paperback) fuq ordni tieghu.

Bl-imghax dekorribbli skond il-ligi mid-29 ta' Settembru 2006 u bl-ispejjez kontra l-konvenut komprizi dawk tal-ittri bonarji tal-24 ta' Ottubru, 2006, tal-31 ta' Ottubru, 2006 u tat-8 ta' Novembru, 2006 u tal-ittra ufficjali tas-17 ta' Novembru 2006 kontra l-konvenut nomine li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Dr Beppe Fenech Adami nomine fejn eccepixxa:

Illi huwa mhuwiex edott mill-fatti li taw lok ghal din il-kawza u jirriserva illi jipprezenta risposta ulterjuri kemm-il darba huwa jigi edott mill-fatti.

Salv risposta ulterjuri.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza hija talba ghal hlas ta' bilanc ta' prezz wara li l-attrici nomine kienet giet inkarigata minn Dennis M Dziena sabiex isir l-istampar tal-ktieb bl-isem *"Of Craft and Honour"* miktub minn Dr George Buttigieg. Il-ftehim kien illi kellhom jigu stampati elf u erba' mitt kopja taht forma *'paperback'* u mija taht forma *'hardback'*. Dan ix-xoghol sar. Thallas depozitu fis-16 ta' Frar 2006, izda baqa' l-bilanc miktub fl-avviz.

George Fava *Manager Publications tal-Media Centre* li ppubblikat il-ktieb spjega l-operat tac-centru fil-pubblikazzjoni tal-ktieb u l-arrangamenti illi saru kemm ma' Dziena kif ukoll ma' Dr Buttigieg. Flimkien max-xhieda gew ipprezentati d-dokumenti kollha mehtiega biex jissodisfaw il-Qorti illi l-hlas ghadu pendenti u t-talba ta' l-attrici nomine hija gustifikata. Il-Qorti m'ghandha xejn x'izzid ma' din ix-xhieda, aktar u aktar meta ma ghandhiex

il-konfort tax-xhieda Dennis Dziena peress illi dana jidher illi telaq minn Malta u l-indirizz tieghu mhux maghruf u minkejja l-isforzi tal-kuratur deputat sabiex jirrintraccah dana ma rnexxielhux u ghalhekk trid toqghod fuq id-deposizzjoni moghtija mill-attrici u l-provi migjuba.

Il-Qorti jidhrilha illi l-attrici ppruvat il-kaz taghha fi grad li trid il-ligi u t-talba timmerita konferma.

Ghal dawn il-motivi,

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tilqa' t-talba ta' l-attrici fil-kwalita' taghha premessa u tikkundanna lill-konvenut nomine jhallas lis-socjeta' attrici l-ammont ta' €7180.06 (Lm3082.40) dovuta lill-attrici nomine bhala bilanc ta' prezz ta' ktieb stampat (kemm b'qoxra iebsa kif ukoll paperback) fuq ordni ta' Dennis M Dziena.

Bl-ispejjez u l-interessi dekorribbli mid-29 ta' Settembru 2006 kontra l-kuratur nomine.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------